**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Virginio k/a Gino Vella iben John u Concetta xebba Perrone li joqghod 'Lexington House', Triq Malta, Ghajnsielem, Ghawdex.**
**(I.D. No 43056G)**

Illum 7 ta' Frar 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli f'Kemmuna fil-bajja ta' Santa Marija nhar il-15 t'Awissu 2000 ghall-habta ta' l-4:10p.m. (1) dahal bi speedboat Nru S 10110 f'zona riservata ghall-ghawwiema, (2) aktar talli naqas li jobdi l-ordni legittima moghtija lilu mill-Pulizija, (3) aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat, (4) aktar talli qal kliem mhux xieraq fil-pubbliku.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti l-Qorti ma ghandhiex dubji dwar il-fatt li l-imputat kien qieghed fiz-zona riservata ghall-ghawwiema izda irid jinghad illi ai termini tan-Notice to Mariners 22/2000 esebita mill-prosekuzzjoni, hadd ma jista' jidhol f'zona hekk riservata u f'kaz ta' persuna li ghandha irmigg bil-permess, din ghandha tipprocedi b'kawtela. Stante li ma ngibitx prova li l-imputat ma ghandux tali permess, ma ssibux hati ta' l-ewwel akkuza u tilliberah minnha.

Issibu hati tat-tieni, it-tielet u r-raba' akkuzi.

Rat l-artikoli 338 (ee) (dd) u (bb) tal-Kap 9.

Tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' hmistax-il lira Maltija (Lm15).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur